# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1248

KAZ NRU 1401

Fil Kwistjoni tax-xoghol

bejn

Raymond Muscat

u

Sterling Security

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 14 ta Dicembru 2001

**Chairman: Is-Sur Colin Tabone**

## 1. Introduzzjoni

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onor Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali permezz ta` ittra datata 23 ta' Dicembru, 1999 b`Ref MSP/T1/99/99 biex dan it-Tribunal jiddeciedi dwar tkeccija allegata ngusta skond L-Artiklu 28(2)ta L-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 266) tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appellant, Raymond Muscat, kien assistit l-ewwel mill-Onor. Dr. Jose Herrera u wara kompla Dr. David Camilleri. Ghas-socjeta' ntimata dehru is-sur Noel Schembri u s-sur David Stubbings assistiti mill-Onor Avukat Gavin Gulia.

## 2. Dikjarazzjoni tal-Kaz

L-appellant kien jahdem bhala security guard mas-Socjeta' ntimata u kien jahdem mill-1 ta' Gunju 1997 sa l-24 ta' Novebmru 1999. Kien b`kuntratt ghal sentejn u wara kompla jahdem taht kundizzjonijiet differenti. Ix-xoghol tieghu kien security mal-bini tal-PBS. [illegible] tat-terminazzjoni tal-24 ta' Novembru sabuh bla ingravata u li ma qaxxarx il-lehja.

L-appellant isostni li dakinhar kien liebes l-ingravata u li kellu l-lehja mqaxxra. Iddikjara wkoll li ma jafx li kellu xi nkwiet iehor mal-kumpanija minhabba kondotta hazina.

Min naha taghha s-socjeta' ntimata ddikjarat li l-appellant kien stazzjonat il-PBS u kien jahdem fuq bazi ta' shift. Bhala kundizzjonijiet generali ta` l-impjieg kif ukoll ghas-sodisfazzjon tal-ligijiet u r-regolamenti li jirregolaw il-gwardjani privati, kull security guard huwa obbligat li jilbes dik l-uniformi pprovduta lilu mill-principal tieghu.

F`diversi okkazzjonijiet l-appellant naqas li jilbes l-uniformi kompleta u kien diga' mwissi verbalment biex jaddempja ruhu. Kien imwissi bil-miktub fit-2 ta' Novembru li jekk jerga' jonqos mill-obbligi tieghu jigi tterminat l-impjieg tieghu. Kellu wkoll incident mac-Chief Security Officer tal-PBS fejn gie rappurtat li sabbat bieba ta' fridge. Meta kienet tingibidlu l-attenzjoni mill-kollegi tieghu tax-xoghol dwar li ma kienx jilbes l-uniformi kompleta l-appellant kien jirreagixxi b`mod insubbordinat u jinstiga lil shabu biex jaghmlu bhalu. Il-Kumpanija thoss li t-tkeccija mill-impjieg saret skond il-ligi.

Gew ipprezentati kopji ta' interal memo u kopja ta' rapporti u dokumenti ohra mill-kumpanija.

## 3. Konsiderazzjonijiet

Mix-xhieda li tressqu u dokumentazzjoni li giet ipprezentata juru ir-responsabbilitajiet tal-kuntratti ghas-servizzi ta' Security u kif is-security guards ghandhom izzommu ruhhom kemm fid-dehra u kemm fuq ix-xoghol.

Jidher li kien hemm xi nuqqasijiet ghar-rigward id-dehra fuq il-post tax-xoghol ta' l-appellant.

It-Tribunal irid jistabillixxi jekk dawn in-nuqqasijiet ghandhomx iwasslu ghat-tkeccija.

It-tkeccija mill-post tax-xoghol hija l-aktar mizura estrema u ghaldaqstant ghandha tittiehed biss bhala l-ahhar mizura meta mizuri ohra ma jwasslux ghal titjib.

Fil-kaz li ghandu quddiemu t-Tribunal irid jezaminha u jevalwa r-ragunijiet li wasslu ghat-tkeccija ta' l-appellant. Il-kundizzjonijiet tax-xoghol ghas-security guards jidhru f`Dok SS1 fejn jindikaw kif wiehed irid ikun liebes bl-uniformi, bil-lehja mqaxxra, u b`xaghar ordnat.

L-appellant kif tohrog mix-xhieda kien jigi mwissi verbalment aktar minn darba, gie rrapportat minn ufficjali tal-Kumpanija Sterling Services u mwissi bil-miktub.

Huwa fatt li s-security guards huma obbligati biex ikunu liebsin l-uniformi kompleta. Dan ghax jirrekjidih in-natura tax-xoghol taghhom. It-Tribunal iqis li n-nuqqasijiet ta' l-appellant waqt il-qadi ta' dmirijietu graw aktar minn darba.

Kif semmejt aktar qabel dan it-tip ta' xoghol jirrekjedi li l-apparenza ghandha tkun dejjem kif suppost.

Jidher car li l-appellant ma kienx jaghti wisq attenzjoni ghal dan. Wiehed irid iqis ukoll li l-kumpaniji privati tas-Security ghandhom responsabbilitajiet lejn minn jingaggjhom.

## 4. Decizjoni

It-Tribunal fid-dawl ta' dawn in-nuqqasijiet jiddeciedi li t-tkeccija kienet wahda skond il-Lilgi u ghar-raguni gusta.

## 5. Drittijiet

Ghal finijiet tal-Avviz Legali Nru. 48 tal-1986, it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' erbghin lira maltin (Lm40) kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Colin Tabone**
**Chairman**

**Mary Rose Galea**
**Ghas-SEGRETARJU**